Qorti tal-Appell

(Kompetenza Inferjuri)

Imhallef Anthony Ellul

Appell numru: 50/2018

**Anna Zawistowska (ID 153619A) (appellata)**

**Vs**

**BML Group Ltd C-34836 (appellanti)**

4 ta' Dicembru, 2018.

1. B'decizjoni tat-18 ta' April, 2018 it-Tribunal Industrijali cahad l-eccezzjoni tas-socjeta konvenuta li taqra:

   *"Illi minghajr pregudizzzju ghas-suespost, fit-tieni lok is-socjeta esponenti tecepixxi bir-rispett in-nullita tar-rikors promotur in kwantu t-talba tar-rikorrenti ma tinkludix u ma saritx permezz ta' dikjarazzjoni li ssemmi l-fatti tal-kawza kif mitlub ai termini tal-Artikolu 75(3) tal-Kap. 452 tal-Ligijiet ta' Malta".*

2. Il-fatti rilevanti huma:

   i. Fis-6 ta' Dicembru, 2017 ir-rikorrenti pprezentat rikors fit-Tribunal Industrijali li jaqra:

      *"Illi fit-8 ta' Awissu 2017 tkecciet sommarjament u dan fl-umli fehma taghha ghal ragunijiet mhux tajba u sufficjenti skont il-ligi kif jigi spjegat waqt is-smiegh.*

      *Ghaldaqstant, titlob umilment illi dan it-Tribunal, wara li jindaga l-kaz taghha, jiddikjara illi t-tkeccija de quo m'hijiex skont il-ligi u jiffissa kumpens xieraq".*

   ii. Fl-20 ta' Dicembru, 2017 it-Tribunal Industrijali hareg avviz lir-rikorrenti li fih ordna li mhux iktar tard mis-17 ta' Jannar, 2018 tipprezenta dikjarazzjoni tal-kaz u taghrif iehor li jissemmew fl-istess avviz.

   iii. Fis-17 ta' Jannar, 2018 ir-rikorrent pprezentat dikjarazzjoni tal-fatti flimkien ma' dokumenti. Dakinhar stess il-kumpannija intimata pprezentat twegiba flimkien ma' dikjarazzjoni tal-fatti u dokumenti. Fid-dikjarazzjoni tal-fatti hemm spjegat il-fatt li wasslu ghat-tkeccija tar-rikorrenti;

      *"2. On the 12th June 2017, during the course of the Employee's employment with the Company, while the Employee was on sick leave, it came to the attention of the Company that the Employee had, throughout the previous months, sent work emails containing confidential information and documentation from her email address on the Betsson secured network to*

*herself on a recipient address outside such network (Doc. B – list of emails) (the 'Alleged Breach')".*

iv. Fis-seduta tal-24 ta' Jannar, 2018 it-Tribunal Industrijali ordna korrezzjoni fir-rikors promotur fis-sens li n-numru ta' registrazzjoni tal-kumpannija intimata ghandu jaqra C34836 u li l-atti jerġghu jkunu notifikati lill-istess kumpannija. Dakinhar il-kawza thalliet ghas-seduta tat-28 ta' Marzu, 2018:

> *"... ghall-provi u ghat-trattazzjoni fuq it-tieni eccezzjoni preliminari sollevata mis-socjeta' intimata".*

v. Fid-19 ta' Frar, 2018 l-intimata pprezentat twegiba ohra fejn fl-ewwel lok qalet:

> *"Illi fl-ewwel lok jigi eccepit b'mod preliminari li* ***t-talba tar-rikorrenti Anna Zawistowska fil-konfront tas-socjeta BML Group Limited (C34836) giet ipprezentata aktar tard minn erba' (4) xhur mid-data effettiva tal-ksur minnha allegat.*** *Ghalhekk it-talba rikorrenti hi inammissibbli in kwantu ma gietx ipprezentata entro t-terminu stipulat mil-ligi u cioe' l-artikolu 75 tal-Kap. 452 tal-Ligijiet ta' Malta".*

vi. Fis-seduta tat-28 ta' Marzu, 2018 saret trattazzjoni dwar jekk (ara verbal),

> ***".... it-talba tar-rikorrenti fil-konfront tas-socjeta' BML Group Ltd (C34836) giet ipprezentata aktar tard minn erba' (4) xhur mid-data effettiva tal-ksur minnha allegat".***

vii. Fit-18 ta' April, 2018 it-Tribunal ta d-decizjoni preliminari li minnha sar appell mis-socjeta appellanti.

3. Fl-ewwel lok il-qorti tibda biex tosserva li fejn hemm eccezzjonijiet preliminari, it-Tribunal Industrijali ghandu fejn possibbli jiddecidihom f'daqqa u mhux jaghti decizjoni separata ghal kull eccezzjoni preliminari.

4. L-aggravju tas-socjeta appellanti gie spjegat hekk:

> *"Illi fil-kaz odjern, jirrizulta li ma tressqet l-ebda dikjarazzjoni li ssemmi l-fatti tal-kawza fi zmien erba' xhur mid-data tal-allegata tkeccija ngusta, izda tressaq biss rikors li m'huwiex u ma jikkontjenix dikjarazzjoni li ssemmi l-fatti tal-kawza kif trid il-ligi. Peress illi tali rikors ma jiccitax korrettement in-numru ta' registrazzjoni tas-socjeta appellanti u in vista tal-ewwel eccezzjoni preliminari tas-socjeta appellanti, tali numru gie korrett u s-socjeta appellanti regghet giet notifikata b'tali rikors kif korrett.*
>
> *Illi d-dikjarazzjoni li ssemmi l-fatti tal-kawza giet eventwlament intavolata mir-rikorrenti appellata pero' dan ferm wara zmien ta' erba' xhur mid-data tal-allegata*

*tkeccija, liema nuqqas ma giex issanat bil-korrezzjoni tal-okkju fir-rikors kif rikjesta mir-rikorrenti. Hi fuq din il-bazi li s-socjeta esponenti eccepiet li t-talba rikorrenti ma gietx intavolata fit-terminu moghti fil-ligi.*

*Illi ghalhekk, dejjem bid-dovut rispett, ghalkemm kif gia nghad is-socjeta appellanti taqbel mad-decizjoni tal-Qorti tal-Appell hawn fuq imsemmija kif citata mit-Tribunal Industrijali fid-decizjoni hawn appellata, u li fuqha hi bbazata l-istess decizjoni tat-Tribunal, tali decizjoni mhix rilevanti jew applikabbli ghall-kaz odjern ghaliex il-korrezzjoni li saret mhix korrezzjoni ta' dikjarazzjoni li ssemmi l-fatti tal-kaz izda hi korrezzjoni tar-rikors promotur u tali korrezzjoni ma tbiddilx in-natura tar-rikors fis-sens li b'tali korrezzjoni ma giex sodisfatt dak rikjest mil-ligi u cioe' li tressqet dikjarazzjoni tal-fatti fit-terminu legali. Il-fatt ghalhekk jibqa' li tali dikjarazzjoni ma tressqitx fit-terminu legali u kwindi ghandha tintlaqa' l-eccezzjoni tas-socjeta appellanti li t-talba bil-miktub (kif riferita fl-Artikolu 75(2) tal-Kap. 452) fil-konfront tas-socjeta appellanti giet ipprezentata aktar tard minn erba' (4) xhur mid-data effettiva tal-ksur minnha allegat u li ghalhekk it-talba tar-rikorrenti hi inammissibli".*

5. L-appellata wiegbet fejn tat ir-ragunijiet ghalfejn l-appell ghandu jkun michud.

6. Il-qorti tibda biex tosserva li ma taqbilx mal-appellata li l-appell ma jitrattax dwar punt ta' dritt. L-appell hu dwar l-interpretazzjoni li ghandha tinghata lill-artikolu 75(3) tal-Att dwar l-Impiegi u r-Relazzjonijiet Industrijali (Kap. 452). Hekk ukoll ma taqbilx mal-appellata li r-rikors li bih l-appellanti talbet permess sabiex tappella hu null ghaliex, *"... ma kellux l-indikazzjoni tan-numru tal-kaz kif rikjest mil-ligi: dak li jsegwi dak li hu null ma jistax hlief ikun null"*. Mill-okkju hu evidenti li l-appell sar f'din il-kawza u l-partijiet fil-kawza huma identifikati.

7. Dwar il-meritu tal-appell, il-qorti tosserva:-

   i. Fit-8 ta' Awissu, 2017 l-appellanti tterminat l-impjieg tal-appellata.

   ii. Fis-6 ta' Dicembru, 2017 l-appellata pprezentat ir-rikors quddiem it-Tribunal Industrijali, fejn talbet ghal dikjarazzjoni ta' tkeccija ngusta u hlas ta' kumpens.

   iii. F'dak ir-rikors in-numru ta' registrazzjoni tal-kumpannija tnizzel li hu C-4836 meta fil-fatt hu C34836. Irrispettivament ta' x'inhu n-numru ta' registrazzjoni tal-kumpannija, kien ovvju li l-kawza saret kontra BML Group Ltd li kien il-principal tal-appellata.

   iv. Il-kawza saret fit-terminu preskritt mil-ligi, cjoe' qabel l-erba' xhur mid-data tat-tkeccija. Il-korrezzjoni li ordna t-Tribunal Industrijali fis-seduta tal-24 ta' Jannar, 2018 ma kellha l-ebda konsegwenza dwar id-data meta giet prezentata l-kawza. Kawza wahda kien hemm. Hu veru li t-Tribunal Industrijali ordna wkoll li l-appellanti terga' tigi notifikata *"bl-*

*atti kif korretti"*, izda b'daqshekk ma jfissirx li nbidlet id-data tal-prezentata tal-kawza.

8. L-artikolu 75(2) tal-Kap. 452 jipprovdi li meta jigi allegat li haddiem ikun tkecca b'mod ingust minn principal,

   *"... il-kaz ghandu jintbaghat lit-Tribunal ghad-decizjoni tieghu **fuq talba bil-miktub ghal hekk maghmula mill-haddiem** li jallega l-ksur jew minn xi persuna ohra f'isem u ghal dak il-haddiem"*.

9. Imbaghad subinciz (3) tal-istess disposizzjoni jipprovdi:

   *"Kull referta maghmula skont is-subartikolu ta' qabel dan, ghandha ssir permezz ta' **dikjarazzjoni li ssemmi l-fatti tal-kawza**,ipprezentata fir-registru tat-Tribunal u ghandha, fil-kazijiet kollha hekk tigi pprezentata mhux iktar tard minn erba' xhur mid-data effettiva tal-ksur allegat"*.

10. Fil-kaz in ezami, l-appellata pprezentat rikors fejn l-uniku fatt li semmiet hu li *"fit-8 ta' Awissu, 2017 tkecciet sommarjament"*. Minn dak il-fatt wiehed jifhem ukoll li l-appellata kienet impjegata mal-kumpannija appellanti. Il-qorti tistqarr li meta tikkunsidra dak li jrid l-artikolu 75(3) tal-Kap. 452, ir-rikors promotur *leaves much to be desired*. Hu minnu li hi prassi fit-Tribunal Industrijali li wara li haddiem jipprezenta r-rikors promotur, jibghat avviz lill-partijiet fejn jitlob li jipprezentaw id-dikjarazzjoni tal-fatti. Pero' jibqa' l-fatt li dak li trid il-ligi hu car.

11. Fil-kaz in ezami l-appellata pprezentat dikjarazzjoni bil-fatti tal-kawza fis-17 ta' Jannar 2018, cjoe wara l-ordni tat-Tribunal Industrijali tal-20 ta' Dicembru, 2017 u meta allura kien diga' ghalaq it-terminu ta' erba' xhur mid-data effettiva tat-tkeccija. Madankollu, il-qorti tifhem l-artikolu 75(3) tal-Kap. 452 fis-sens li l-kawza dwar tkeccija ngusta ghandha ssir fi zmien erba' xhur mid-data effettiva tat-tkeccija. M'hemmx dubju li f'dan il-kaz dan sar. Il-fatt li r-rikors promotur isemmi biss fatt wiehed, ma jibdel xejn mill-fatt li l-kawza saret entro t-terminu perentorju ta' erba' xhur. Nuqqasijiet li jista' jkun hemm fl-att li bih il-haddiem jibda l-kawza bl-ilment dwar allegata tkeccija ngusta, ma jimpingux fuq it-terminu li fih ghandu jipprezenta l-kawza. Ghal finijiet tal-erba' xhur li jissemmew fl-imsemmija disposizzjoni, dak li jrid jigi determinat hu jekk il-haddiem ipprezentax il-kawza entro t-terminu stabbilit mil-ligi u xejn iktar.

12. Il-korrezzjoni li saret fil-mori u notifika mill-gdid tal-atti lill-appellanti, ma jibdel xejn gialadarba fid-data tal-prezentata tal-kawza (6 ta' Dicembru, 2017) l-erba' xhur kienu ghadhom m'ghalqux.

**Ghal dawn il-motivi tichad l-appell bl-ispejjez kontra l-appellanti.**

**Ir-Registratur ghandu jiehu hsieb jibghat l-atti lura lit-Tribunal Industrijali sabiex jissokta bis-smiegh tal-kawza.**

Anthony Ellul.